**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Jannar 2023**

Rikors Numru: 310/22 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 383/1994)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-esponenti żżewġet lill-intimat b'rit Kattoliku nhar 1-10 ta' April 1994, liema żwieġ huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 383/1994 hekk kif jirriżulta minn ċertifikat anness u mmarkat Dokument "X";

2. Illi minn dan iż-żwieġ, nhar 1-10 ta' Jannar 1998 twieled tifel, D B, li llum huwa maggorenni u għandu aktar minn 23 sena;

3. Illi prevja li ottjenew l-opportuna awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti, l-esponenti sseparaw b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Michael Joseph Galea tas-17 ta' Lulju 2018, kopja ta' liema tinsab annessa u mmarkata Dokument "Y";

4. Illi skond l-istess kuntratt, l-esponenti rrinunzjaw reciprokament mid-dritt rispettiv tagħhom li jitolbu u li jirċievu manteniment mingħand xulxin liema rinunzja hija irrevokabbli u definittiva. Isegwi kwindi li ma jista' jkun hemm ebda manteniment dovut bejn il-konjugi.

5. Illi jsegwi li mhemm ebda arretrati ta' manteniment;

6. Illi l-esponenti ilhom jabitaw separatament ferm aktar minn sitt (6) xhur fl-aħħar tnax (12)-il xahar;

7. Illi ma jeżisti ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

8. Illi għaldaqstant ir-rekwiżiti imposti mill-Art. 66B tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) kif emendat bl-Att XXV tal-2021 jinsabu ampjament sodisfatti;

Talbet lill-intimat jgħidx għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju ossia l-ħall taż-żwieġ ta' l-esponenti Sharlot Zammit ma' Peter Zammit li ġie celebrat b'rit Kattoliku nhar l-10 ta' April 1994, liema żwieġ huwa reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 383 tas-sena 1994 u dan ai termini tal Art. 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Lulju 2022;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi il-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Lulju 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.